



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2011/0394(COD)

25.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020)
(COM(2011)0834) – C7-0463/2011 – 2011/0394(COD))

Rapporteur: Marina Yannakoudakis

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fid-dawl tal-kriżi ekonomika fl-UE hu ta' importanza vitali li nużaw ir-riżorsi tagħna tajjeb u li nieħdu l-aħjar vantaġġ minnhom. L-ikbar assi li l-kumpanniji kollha għandhom huwa l-impjegati tagħhom u l-intraprendituri li joħolqu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi u mhux innovattivi. Dawn l-impjegati u l-SMEs li jikkostitwixxu huma s-sors tal-ħajja tal-ekonomija Ewropea.

Fi ħdan l-SMEs il-kontribut li jagħtu n-nisa għad irid jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu¹ u aħna rridu naħdmu biex niżguraw li l-parteċipazzjoni tan-nisa f'dan il-qasam tiżdied filwaqt li nipprova wkoll rakkomandazzjonijiet prattiċi li jqisu r-realtà tal-ħajja tan-negozju u dik ekonomika f'ambjent tas-suq kompetittiv.

Filwaqt li s-setturi kollha tan-negozju għandu jkollhom aċċess ugwali għall-Programm futur għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju (2014–2020), aħna għandna niżguraw ukoll li fi ħdan dawn in-negozji nħarsu mill-qrib lejn il-bżonn għall-ugwaljanza tal-ġeneri permezz tal-rikonossiment ta' perspettiva tal-ġeneru fil-proposta.

Hu importanti li niżguraw ukoll li nonoraw impenn morali biex ngħinu li jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-UE, peress li 16 fil-mija tal-popolazzjoni tas-27 Stat Membru fl-2010 kienu fir-riskju tal-faqar minħabba li l-introjtu disponibbli tagħhom kien taħt il-limitu minimu tar-riskju². Din l-istatistika tiċċara b'mod evidenti l-valur u l-importanza li jiżdied in-numru ta' intraprendituri nisa, li huma grupp eteroġenu li jvarja f'termini ta' età, sfond u edukazzjoni.

Filwaqt li l-kriżi ekonomika tkompli, hu ta' importanza kbira li nirċievu l-valur għall-flus mill-inizjattivi kollha tal-UE, peress li dawn huma għodod importanti li jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku u soċjali fil-post tax-xogħol. B'dan bħala punt tat-tluq, ir-rapporteur għal opinjoni qed timmira li tqajjem il-kuxjenza dwar l-użu tal-opportunitajiet eżistenti ta' għoti ta' fondi bħall-mikrofinanzi, l-għotjiet speċjali u l-kapital ta' riskju b'enfasi fuq il-ġeneru.

Ir-rapporteur għal opinjoni tħoss li leġislazzjoni tal-UE tqila mhix l-iktar mod prattiku biex nimxu 'l quddiem, speċjalment met nqisu li "l-impjieġ" huwa kompetenza tal-Istat Membru. Ir-rapporteur għal opinjoni hu tal-fehma li l-kondiviżjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prassi hija l-iktar mod effettiv biex jitħeġġu l-kompetizzjoni u l-intraprenditorija sostenibbli. Dan għandu l-benefiċċju doppju li jappoġġja l-intraprendituri nisa filwaqt li huwa relattivament irħis finanzjarjament.

Rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prassi

Biex jinkiseb fehim veru tal-problema hu neċessarju li tinġabar data konċiża, eżatta u aġġornata bi qbil mar-regoli tal-protezzjoni tad-data. Din id-data għandha tinqasam f'informazzjoni dwar il-ġeneru, l-etniċità, l-età, iż-żona, id-daqs u t-tul tan-negozju. Dan se

¹ Fl-UE mara waħda minn għaxra hija intraprenditura b'kuntrast ma' raġel wieħed minn erbgħa. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2011 minn Marina Yannakoudakis, Membru tal-Parlament Ewropew, dwar l-Intraprenditorija tan-Nisa f'Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs).

² Eurostat, 8 ta' Frar 2012.

jiżgura li l-fondi jiġu mmirati lejn iż-żoni korretti u l-iktar effettivi sabiex ikun żgurat it-tkabbir u l-appoġġ lin-nisa fl-SMEs.

Barra minn hekk, l-opinjoni tirrikonoxxi li l-ugwaljanza tal-ġeneru tinkiseb bl-aħjar mod permezz ta' edukazzjoni b'saħħitha li tippromwovi l-ġustizzja u tinkoraġġixxi lin-nisa jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-oqsma kollha tal-impjieġ. Ir-rapporteur għal opinjoni tilqa' l-iskemi ta' appoġġ ta' mentoring edukattiv, bħan-Netwerk Ewropew tal-Kummissjoni ta' Ambaxxaturi Nisa tal-Intraprenditorjat (European Network of Female Entrepreneurship Ambassadors – ENFEA), imma targumenta li biex tiżdied is-saħħa ta' din l-inizjattiva hemm bżonn li l-Istati Membri jużaw il-faċilitajiet eżistenti tal-UE biex jospitaw u jmexxu l-iskema.

L-iżvilupp tat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (TIK) jista' wkoll jikkontribwixxi lejn il-funzjonament bla xkiel tal-SMEs billi joffri l-opportunità flessibbli fil-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jitħeġġu jużaw it-TIK sabiex ikunu jistgħu jgħinu biex titqajjem il-kuxjenza u joffru appoġġ ta' netwerking għan-nisa permezz tal-użu ta' portalli u blogs ibbażati fil-web, li jistgħu jipprovdu ħolqiet għal kuntatti rilevanti ta' intraprendituri nisa, rappreżentanti u avvenimenti. L-internet u l-appoġġ onlajn jistgħu joffru wkoll l-għażla lin-nisa li jaħdmu mid-dar, jew li huma bbażati f'żoni remoti. L-appoġġ għandu jkun kehmm nazżjonali kif ukoll reġjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li jkun aċċessat permezz ta' mezzi differenti tal-komunikazzjonijiet.

Sommarju

Biex tiżdied l-ugwaljanza tal-ġeneru fin-negozju hemm bżonn approċċ b'diversi aspetti li jippreżenta rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prassi li joffru l-għażla, il-flessibilità u opportunità għan-nisa. Li jinkiseb dan ifisser li hemm bżonn ta' data konċiża, eżatta u aġġornata, aċċess għall-mikrofinanzi, edukazzjoni b'saħħitha, skemi ta' appoġġ, mudelli ta' rwol u Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (TIK) li kollha għandhom joffru valur għall-flus. Fil-bażi tal-bżonn għal tali miżuri hemm l-indirizzar tal-impenn morali biex jgħin jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE.

Il-programm COSME jirrappreżenta pjan direzzjonali vijabbli għall-ħames snin li ġejjin u r-rapporteur għal opinjoni tixtieq tara li t-test finali jqis il-kontribut uniku li jistgħu jagħtu n-nisa fin-negozju billi jħeġġu u jinkoraġġixxu t-tkabbir, ħaġa li se tkun vitali biex tgħin biex titnaqqas il-kriżi ekonomika serja li qed tiffaċċja bħalissa l-Ewropa u l-ekonomika globali usa'.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “L-Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” f’Marzu 2010 (minn hawn ‘il quddiem “l-Istrateġija Ewropa 2020”). Il-Komunikazzjoni kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2010. L-Istrateġija Ewropa 2020 twieġeb għall-kriżi ekonomika u hija maħsuba biex tfejji l-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin. Din tistipula ħames miri ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija, l-impjiegi, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali li jridu jintlaħqu sal-2020 u tidentifika l-ixpruni ewlenin għat-tkabbir, li jimmiraw li jagħmlu lill-Ewropa aktar dinamika u kompetittiva. Din tenfasizza wkoll l-importanza li jkun rinfurzat it-tkabbir tal-ekonomija Ewropea filwaqt li twettaq livell għoljin ta’ impjiegi, karbonju baxx, ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u l-koeżjoni soċjali.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) F’Ġunju 2008 il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” – “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa li kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru 2008. L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA) jipprovdi qafas politiku komprensiv għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs),

Emenda

(1) Il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “L-Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” f’Marzu 2010 (minn hawn ‘il quddiem “l-Istrateġija Ewropa 2020”). Il-Komunikazzjoni kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2010. L-Istrateġija Ewropa 2020 twieġeb għall-kriżi ekonomika u hija maħsuba biex tfejji l-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin. Din tistipula ħames miri ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija, l-impjiegi, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali li jridu jintlaħqu sal-2020 u tidentifika l-ixpruni ewlenin għat-tkabbir, li jimmiraw li jagħmlu lill-Ewropa aktar dinamika u kompetittiva. Din tenfasizza wkoll l-importanza li jkun rinfurzat it-tkabbir tal-ekonomija Ewropea filwaqt li twettaq livell għoli ta’ impjiegi, karbonju baxx, ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u l-koeżjoni soċjali, ***għan-nisa u l-irġiel b’mod ugwali.***

Emenda

(3) F’Ġunju 2008 il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” – “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa li kienet approvata mill-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru 2008. L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA) jipprovdi qafas politiku komprensiv għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs),

jippromovi l-intraprenditorija u jistabbilixxi fis-sod il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” fil-liġi u l-politika sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs. L-SBA tistabbilixxi 10 prinċipji u tiddekrivi politika u azzjonijiet leġiżlattivi li jippromovu l-potenzjal tal-SMEs biex jikbru u joħlqu l-impjiegi. L-implimentazzjoni tal-SBA tikkontribwixxi lejn il-kisba tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020. Azzjonijiet diversi għall-SMEs diġà ġew stabbiliti fl-inizjattivi prominenti.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Mal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020, adottata fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni tistabbilixxi pakkett ta' proposti leġiżlattivi u d-dokumenti tal-baġit tal-Unjoni 2014-2020. Dak il-qafas finanzjarju multiannwali jiddekrivi kif se jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ta' żieda fit-tkabbir u l-ohlqien ta' aktar impjiegi fl-Ewropa u l-istabbiliment ta' ekonomija b'karbonju baxx u aktar konxja mill-ambjent u Ewropa internazzjonalment prominenti.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

jippromovi l-intraprenditorija, ***jimmira li jisfrutta aħjar il-potenzjal tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh u n-nisa*** u jistabbilixxi fis-sod il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” fil-liġi u l-politika sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs. L-SBA tistabbilixxi 10 prinċipji u tiddekrivi politika u azzjonijiet leġiżlattivi li jippromovu l-potenzjal tal-SMEs biex jikbru u joħlqu l-impjiegi. L-implimentazzjoni tal-SBA tikkontribwixxi lejn il-kisba tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020. Azzjonijiet diversi għall-SMEs diġà ġew stabbiliti fl-inizjattivi prominenti.

Emenda

(5) Mal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020, adottata fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni tistabbilixxi pakkett ta' proposti leġiżlattivi u d-dokumenti tal-baġit tal-Unjoni 2014-2020. Dak il-qafas finanzjarju multiannwali jiddekrivi kif se jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ta' żieda fit-tkabbir u l-ohlqien ta' aktar impjiegi ***sew għall-irġiel kif ukoll għan-nisa*** fl-Ewropa u l-istabbiliment ta' ekonomija b'karbonju baxx u aktar konxja mill-ambjent u Ewropa internazzjonalment prominenti.

Emenda

(11a) L-intraprenditorija tan-nisa u l-SMEs tan-nisa jipprovdu sors prinċipali

biex jiżdied il-grad ta' impjeg tan-nisa u b'hekk jiġi kapitalizzat iktar fuq il-livell ta' edukazzjoni tan-nisa. L-intraprenditorija tan-nisa tiżgura wkoll id-dinamiżmu u l-innovazzjoni fin-negozju, li l-potenzjal tagħhom għadu 'l bogħod milli jiġi sfruttat fl-Unjoni, b'żieda fin-numru ta' intraprendituri nisa li tirriżulta f'impatt pożittiv u kontribut immedjat għall-ekonomija ġenerali. In-nisa għandhom motivazzjoni speċjali għall-indipendenza, għaliex billi jmexxu azjenda tagħhom setss ikunu jistgħu jiffissaw huma stess hinjiethom tax-xogħol, u b'hekk jikkonċiljaw aktar il-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja. Fi klima ekonomika instabbli l-miżuri ta' appoġġ għall-intraprendituri nisa faċli li jiġu traskurati.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Fil-qies tal-proporzjon baxxa ta' intraprendituri nisa (biss 30 % fl-Ewropa), il-Programm għandu jippromwovi u jiffaċilita l-intraprenditorija tan-nisa minħabba li intraprendituri nisa għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija, mhux biss għax kapaċi jgħolqu xogħol għalihom infushom, imma wkoll għax kapaċi jgħolqu impjegi għal ħaddieħor. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi dinjija kurrenti jenfasizzaw bil-qawwa d-dimensjoni sinifikanti tal-intraprenditorija tan-nisa bħala forza ekonomika emerġenti, kif jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa li din l-intraprenditorija tkun promossa.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 11c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11c) Il-Programm għandu jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' sjieda tan-negozji, edukazzjoni, taħriġ, riċerka u avvokatura li ma jkunux segregati abbażi tal-ġeneru, permezz tal-integrazzjoni tal-informazzjoni rilevanti fis-sistema kollha kemm hi għad-dispożizzjoni tal-persuni interessati kollha, kif ukoll permezz tal-varar ta' kampanji u netwerks tal-midja soċjali. Permezz tal-universitajiet, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-ministeri tal-edukazzjoni u dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri, għandu jippromwovi bl-istess mod sew l-intraprenditorija tan-nisa bħala qasam ta' interess għaż-żewġ sessi, mill-istdaji bikrija tal-edukazzjoni, kif ukoll l-immagħni tal-intraprendituri nisa bħala mudelli għal ħaddieħor.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Billi l-mikrokrediti (jiġifieri self taħt EUR 25 000) jinħarġu mill-intermedjarji finanzjarji taħt l-iskema ta' garanzija. M'hemm previst l-ebda ftuħ għall-mikrokrediti taħt il-Programm, ladarba dan jikkostitwixxi tirkib fuq il-“Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni” propost mill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2011, li jkorpri l-mikrokrediti speċifikament.

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Fattur ieħor li jaffettwa l-kompetittività huwa l-ispirtu intraprenditorjali relattivament dgħajjed fl-Unjoni. Ħamsa u erbgħin fil-mija (45 %) biss taċ-ċittadini tal-Unjoni (u inqas minn 40 % tan-nisa) jixtiequ jaħdmu għal rashom meta mqabbla ma' 55 % tal-popolazzjoni tal-Istati Uniti u 71 % fiċ-Ċina. Effetti ta' dimostrazzjoni u katalitiċi, pereżempju Premjijiet u konferenzi **Ewropej**, kif ukoll koerenza u konsistenza biex jissaħħu l-miżuri bħalma huma l-valutazzjoni komparattiva u l-iskambji tal-aħjar prattiċi jipprovdu valur miżjud Ewropew għoli.

Emenda

(16) Fattur ieħor li jaffettwa l-kompetittività huwa l-ispirtu intraprenditorjali relattivament dgħajjed fl-Unjoni **li jehrieg li jiġi ispirat b'approċċi innovattivi u differenti li jindirizzaw gruppi speċifiċi ta' mira, speċjalment in-nisa u ż-żgħażaġh**. Ħamsa u erbgħin fil-mija (45 %) biss taċ-ċittadini tal-Unjoni (u inqas minn 40 % tan-nisa) jixtiequ jaħdmu għal rashom meta mqabbla ma' 55 % tal-popolazzjoni tal-Istati Uniti u 71 % fiċ-Ċina. Effetti ta' dimostrazzjoni u katalitiċi, pereżempju Premjijiet **Ewropej** u konferenzi, **proġetti laqgħat ta' ħidma u programmi ta' mentoring dwar l-intraprenditorija**, kif ukoll koerenza u konsistenza biex jissaħħu l-miżuri bħalma huma l-valutazzjoni komparattiva u l-iskambji tal-aħjar prattiċi jipprovdu valur miżjud Ewropew għoli. **Il-konfront ta' ostakoli kurrentwali, fehmiet tradizzjonali u sterjotipi dwar in-nisa, u t-tqawwija tal-kredibbiltà tan-nisa bħala intraprendituri huma speċjalment vitali biex jispiraw lin-nisa ħalli jidħlu għall-intraprenditorija, iżommu l-karrieri tagħhom ta' intraprendituri, u jgħollu l-profil tagħhom bħala mudelli.**

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

(19a) Data li jservu bħala indikaturi li jkejlu l-ilħiq tal-objettivi – fejn dan ikun prattikament fattibbli – għandhom jinġabru u jiġu segregati skont il-ġeneru, lo-etniċità, l-età, iż-żona, id-daqs u d-durata tan-negozju, u skont ir-regoli tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data personali, bl-ghajjnuna tal-Fondazzjoni

Emenda

Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol u l-Istitut Ewropew tal-Ġeneru. Fejn ikun possibbli, diawn id-data għandhom jinġabru b'mod li ma jimponix piż addizzjonali fuq l-SMEs, u għandhom jgħinu biex min jieħu d-deċiżjonijiet ikun konxju tal-problemi speċifiċi li jaffettwaw lil-intraprendituri nisa.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Il-Programm għandu jikkumplimenta programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li kull strument għandu jaħdem skont il-proċeduri speċifiċi tiegħu stess. B'hekk, l-istess spejjeż eliġibbli ma għandhomx jirċievu finanzjament doppju. Bil-għan li jinkiseb il-valur miżjud u l-impatt sostanzjali tal-finanzjament tal-Unjoni, għandhom ikunu żviluppanti sinerġiji mill-qrib bejn il-Programm, programmi oħrajn tal-Unjoni u l-Fondi Strutturali.

Emenda

(20) Il-Programm għandu jikkumplimenta programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li kull strument għandu jaħdem skont il-proċeduri speċifiċi tiegħu stess. B'hekk, l-istess spejjeż eliġibbli ma għandhomx jirċievu finanzjament doppju. Bil-għan li jinkiseb il-valur miżjud u l-impatt sostanzjali tal-finanzjament tal-Unjoni, għandhom ikunu żviluppanti sinerġiji mill-qrib bejn il-Programm, programmi oħrajn tal-Unjoni u l-Fondi Strutturali. ***Jeħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi li lin-nisa jagħmlu lihom aktar faċli jiksbu l-finanzjament neċessarju għan-negożju.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(20a) Il-Programm għandu jiffaċilita l-aċċess għall-intraprendituri nisa għal fondi li se jsiru disponibbli, bil-għan li tiġi promossa u tiżdied l-intraprenditorija fost in-nisa, billi jingħataw għotjiet speċjali u kapital ta' riskju.

Emenda

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20b) Il-Programm għandu jipprovdi assistenza lil dawk l-intraprendituri nisa li għandhom inqas għarfien dwar l-għażliet disponibbli ta' finanzjament u esperjenza fil-ġestjoni finanzjarja, minħabba fatturi fis-soċjetà, li jkollhom bżonn l-appoġġ mhux biss fil-fażi inizjali imma wkoll matul iċ-ċiklu tan-negozju ta' kumpannija u l-istralċ tagħha jekk ikun hemm bżonn.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) Il-prinċipji tat-trasparenza u ***tal-opportunità indaqs*** bejn ***is-sessi għandhom jiġu kkunsidrati*** fl-inizjattivi u l-azzjonijiet rilevanti kollha koperti mill-Programm. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-liberta fundamentali għaċ-ċittadini kollha għandhom jiġu kkunsidrati wkoll f' dawk l-inizjattivi u l-attivitajiet.

(21) Il-prinċipju tat-trasparenza ***għandhom jitqiesu, u l-ugwaljanza*** bejn ***l-irġiel u n-nisa għandha tiġi promossa*** fl-inizjattivi u l-azzjonijiet rilevanti kollha koperti mill-Programm, ***kif ukoll il-fatturi u ostakoli addizzjonali li l-intraprenditorija jagħmluha għażla saħansitar anqas attrenti jew vijabbli għan-nisa, bħalma huma l-iżbilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, in-nuqqas ta' mudelli u mentors, l-isterjotipi soċjali u n-nuqqas ta' ħiliet tal-intraprenditorija mill-edukazzjoni.*** Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-liberta fundamentali għaċ-ċittadini kollha għandhom jiġu kkunsidrati wkoll f' dawk l-inizjattivi u l-attivitajiet.

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Il-Programm għandu jkollu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għan-netwerks tekniċi, xjentifiċi, tan-negozju u ta' appoġġ, u għandu jipprovi gwida xierqa dwar dwar it-taħriġ, il-programmi ta' appoġġ u l-iskemi ta' mentoring lil dawk kollha interessati li jistabbilixxu SME – speċjalment liż-żgħażaġh u lin-nisa – bil-għan li jiġu żviluppanti l-ħiliet ta' intraprenditorija, l-għarfien, l-ispirtu u l-fiduċja, bħan-Netzwerk Ewropew ta' Ambaxxaturi Nisa tal-Intraprenditorija (ENFEA), li jenfasizza r-rwol li n-nisa jista' jkollhom fil-ħolqien ta' impjiegi u l-promozzjoni tal-kompetittività billi jispira lin-nisa u liż-żgħażaġh bniet biex jiżviluppaw in-negozju tagħhom bis-saħħa ta' attivitajiet fi skejjel, universitajiet, gruppi komunitarji u l-mezzi tax-xandir.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 21b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Lill-intraprendituri nisa u rġiel għandhom jiġu offerti opportunitajiet ta' iżvilupp personali, taħriġ addizzjonali fil-qasam tal-informatika u titjib tal-kompetenzi lingwistiċi, biex b'hekk jiżviluppaw ħiliet għas-suq internazzjonali.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Premessa 21c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21c) Billi n-nisa jistgħu jiffaċċjaw ostakoli f'żoni rurali rigward l-aċċess għal informazzjoni, appoġġ u għodod u servizzi finanzjarji u teknoloġiċi, ostakoli li jistgħu jillimitawlhom il-kapaċità tagħhom li jwaqqfu jew jespandu n-negozju tagħhom. Għaldaqstant, din il-proposta għandu jkollha l-għan li tkun ġeografikament inklussiva billi xxerred il-messaġġ tagħha permezz ta' kampanji pubbliċitarji proattivi li jistgħu jrendu aktar valur għaċ-ċittadini Ewropej, u jagħtu ħajja ġdida lil komunitajiet rurali li jkunu marru lura.

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) li jingħata kontribut biex tintlaħaq il-prijorità komprensiva tal-ugwaljanza tal-ġeneru u l-avvanz u l-abilitazzjoni tan-nisa, u tittieħed azzjoni kontra ostakoli eżistenti għall-intraprendituri nisa, inkluż in-nuqqas ta' aċċess għal finanzjament, taħriġ u teknoloġija tal-informazzjoni, diffikultà fl-ilħiq ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u perċezzjonijiet kulturali negattivi u sterjotipi dwar l-intraprendituri nisa;

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) li titħeġġeġ kultura imprenditorjali u jkunu promossi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs.

(b) li titħeġġeġ kultura intraprenditorjali ***mhux ibbażata fuq il-ġeneri*** u jkunu promossi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs

*anke fost gruppi speċifiċi fil-mira, bħaż-
żghażaġh u n-nisa inkluż fost gruppi
speċifiċi fil-mira, bħalma huma ż-
żghażaġh, in-nisa u l-komunitajiet
emarginalizzati.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-tkabbir tal-SMEs f'termini ta' valur miżjud u n-numru ta' impjegati,

Emenda

(d) it-tkabbir tal-SMEs f'termini ta' valur miżjud u n-numru ta' impjegati, **maqsum skont il-ġeneru, l-etniċità, l-età, iż-żona, id-daqs u t-tul tan-negozju u bi qbil mar-regoli tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data personali,**

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) *żieda pożittiva fl-għadd ta' impjegati nisa, speċjalment fil-maniġment u d-direzzjoni strateġika tal-SMEs,*

Emenda

(da) żieda pożittiva fl-għadd ta' impjegati nisa, speċjalment fil-maniġment u d-direzzjoni strateġika tal-SMEs,

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programm għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ta' "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv". Partikolarment, il-Programm għandu jikkontribwixxi lejn l-mira ewlenija li tikkonċerna l-impjiegi.

Emenda

3. Il-programm għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għandu jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ta' "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv". Partikolarment, il-Programm għandu jikkontribwixxi lejn l-mira ewlenija li tikkonċerna l-impjiegi, **b'objettiv ta' impjegabilità ta' 75 % sew**

għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Li tiġi promossa l-impreditorija, inkluż fost gruppi speċifiċi fil-mira;

Emenda

(b) Li tiġi promossa l-impreditorija, inkluż fost gruppi speċifiċi fil-mira ***bħalma huma ż-żgħażaġh, in-nisa u l-komunitajiet emarġinalizzati;***

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fis-sura ta' ekwità u dejn;

Emenda

(c) li jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fis-sura ta' ekwità u dejn ***u tiġi provduta informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali, inklużi gruppi speċifiċi bħaż-żgħażaġh, in-nisa u l-komunitajiet emarpinalizzati, u titqajjem il-kuxjenza tagħhom;***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri li jtejjbu d-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi, inklużi reżiljenza għad-disastri u biex ikun żgurat l-iżvilupp ta' infrastrutturi xierqa, gruppi ta' klassi mondjali u netwerks kummerċjali, kundizzjonijiet ta' qafas u żvilupp ta' prodotti, servizzi u proċessi sostenibbli;

Emenda

(a) miżuri li jtejjbu d-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi, inklużi reżiljenza għad-disastri u biex ikun żgurat l-iżvilupp ta' infrastrutturi xierqa ***sew f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali,*** gruppi ta' klassi mondjali u netwerks kummerċjali, kundizzjonijiet ta' qafas u żvilupp ta' prodotti, servizzi u proċessi

sostenibbli;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-intraprendituri żgħażaġh, intraprendituri ġodda u potenzjali, **intraprendituri** nisa, kif ukoll gruppi speċifiċi ta' mira.

Emenda

2. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-intraprendituri **nisa** żgħażaġh, intraprendituri **minn komunitarjiet marġinalizzati kif ukoll intraprendituri** ġodda u potenzjali, **kemm** nisa kif ukoll **irġiel, u lil** gruppi speċifiċi ta' mira **bħaż-żgħażaġh irġiel u nisa**.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni tista tappoġġa miżuri tal-Istati Membri li jiżviluppaw edukazzjoni, ħiliet u attitudnijiet intraprenditorjali, b' mod partikolari fost intraprendituri potenzjali u ġodda.

Emenda

3. Il-Kummissjoni tista tappoġġa miżuri tal-Istati Membri li jiżviluppaw edukazzjoni, ħiliet u attitudnijiet intraprenditorjali, b' mod partikolari fost intraprendituri **nisa u rġiel** potenzjali u ġodda. **F'dan għandhom jingħataw sostenn speċjali n-nisa fiż-żoni rurali**.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. **Il-kompożizzjoni tal-kumitat għandha tirrifletti l-bilanċ tal-ġeneru ġermezz tal-implimentazzjoni ta' kwoti tal-ġeneru**.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Annex I – Objettiv speċifiku: Li tiġi promossa l-impreditorija, inkluż fost gruppi speċifiċi fil-mira – kolonna 3

Test propost mill-Kummissjoni

Iċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jkunu impjegati għal rashom żdiedu għal 50 %

Emenda

Iċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jkunu impjegati għal rashom żdiedu għal 50 %
(b' mod ugwali fost in-nisa u l-irġiel)

PROĊEDURA

Taqsim	Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2014 - 2020)
Referenzi	COM(2011)0834 – C7-0463/2011 – 2011/0394(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 13.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marina Yannakoudakis 20.12.2011
Eżami fil-kumitat	10.7.2012
Data tal-adozzjoni	19.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Andrea Češková, Marije Cornelissen, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Livia Járóka, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Barbara Matera, Krisztina Morvai, Norica Nicolai, Antonyia Parvanova, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Minodora Cliveti, Silvia Costa, Mariya Gabriel, Kent Johansson, Christa Klaß, Ulrike Lunacek, Ana Miranda, Doris Pack, Antigoni Papadopoulou, Licia Ronzulli, Angelika Werthmann